**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAS-17 TA' ĠUNJU 2020**

**Kawza Numru: 4**

**Rik. Gur. 382/2017 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C 2833)**

**vs.**

1. **Ruggier Company Limited (C 5256)**
2. **Kenneth Ruggier (K.I. numru 398463 M)**
3. **Antonio u Maria mizzewgin Ruggier (K.I. numri 823230(M) u 628936(M)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors guramentat tas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c.** prezentat fiet-28 t'April, 2017 li permezz tieghu ippremettiet u talbet s-segwenti:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Maria Buckle datat 4 ta' Awwissu 2011 (Dok "A"), l-intimati iddikjaraw ruhhom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u sebgha u sebghin elf, tmin mija u erbgha u sebghin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€177,847.57) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Illi d-debitu tal-intimat illum jammonta ghal mitejn u erbgha u tletin elf, tmin mija u tnejn u disghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€234,892.26) flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mit-13 ta' Jannar 2017 sal-jum tal-pagament effettiv (Dok. "B1 sa B2").

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment illi Din l-Onorabbli Qorti Joghgobha Tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat 4 ta' Awwissu 2011, in atti Nutar Dottor Maria Buckle (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija, bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat ir-**Risposta ta' Ruggier Company Limited, ta' Kenneth Ruggier u ta' Antonio u Maria mizzewgin Ruggier** prezentata fl-20 ta' Gunju, 2017 fejn jinghad kif gej:

**I.** ILLI, in linea preliminari, l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Buckle tal-4 ta' Awwissu 2011 ma jikkwalifikax bhala kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, kif pretiz mill-bank rikorrent, billi tali kuntratt huwa wiehed ta' *datio in solutum* li fuqu l-esponenti semplicement irrikonoxxew, ossija *acknowledged*, li kien ghad fadal l-ammont ta' €177,874.57 li kien ghadu dovut minnhom lill-istess bank, minghajr,

pero', ma kkostitwew ruhhom debituri tal-istess bank fl-istess imsemmi ammont;

**II.** ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-ammont ta' €234,892.26 pretiz mill-bank rikorrent fir-rikors promutorju tieghu huwa eccessiv billi jikkomprendi fih imghaxijiet li gew ikkalkulati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) f'cirkostanzi fejn, gjaladraba l-kuntratt tal-4 ta' Awwissu 2011 ma jinkludix ftehim dwar ir-rata ta' imghax li ghandha tithallas mill-esponenti, tali imghax ghandu jigi kkalkolat bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1854 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

**III.** ILLI, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-ammont ta' €234,892.26 pretiz mill-bank rikorrent fir-rikors promutorju tieghu huwa eccessiv billi ma jikkunsidrax il-pagamenti kollha li saru mill-esponenti mill-4 ta' Awwissu 2011 sal-gurnata tallum;

**IV.** ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-ammont ta' €234,892.26 pretiz mill-bank rikorrent fir-rikors promutorju tieghu huwa eccessiv billi jinkludi fih diversi ammonti, ossija *fees, charges* u *withdrawals,* li m'humiex dovuti mill-esponenti u/jew li gew mizjuda mal-ammont dovut mill-esponenti mill-bank rikorrent minghajr il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tal-istess esponenti;

**V.** ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, jispetta unikament lill-bank rikorrent illi jressaq prova cara u skond il-ligi li l-ammont indikat fil-kuntratt tal-4 t'Awwissu 2011, ossija €177,874.57, jikkomprendi biss kapital, u mhux ukoll imghaxijiet akkumolati sal-istess imsemmija data, billi altrimenti jkunu qieghdin jigu imposti, mill-bank rikorrent, imghaxijiet fuq imghaxijiet bi ksur tal-ligi u tal-ftehim vigenti bejn il-kontendenti;

**VI.** ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, jispetta unikament lill-bank rikorrent sabiex jispjega ghaliex, kif jidher mid-dokument DOK - B2 anness mar-rikors promutorju tieghu, huwa halla zewg kontijiet miftuhin, ossija *overdraft* u *business loan*, u kif, u abbazi ta' liema kriterji, huwa jalloka l-pagamenti li gew maghmulin mill-esponenti mill-4 t'Awwissu 2011 sal-gurnata tallum bejn iz-zewg kontijiet rispettivi;

**VII.** ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, t-talba tal-bank rikorrent kif dedotta fir-rikors promutorju tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

**VIII.** SALV risposti ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet prezentata mill-bank rikorrent fis-6 ta' Novembrui 2019.

Rat illi l-konvenuti, nonostante li inghataw sa nofs Jannar 2020 sabiex jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet responsiva huma naqsu milli jaghmlu dan minghajr ma resqu raguni valida.

Rat illi fl-udjenza tal-4 ta' Frar 2020 imhollija sabiex isiru s-sottomissjonijiet finali ma deher hadd sabiex jirraprezenta lis-socjetajiet konvenuti u ghalhekk ma sarux sottomissjonijiet.

Ezaminat il-provi imressqa mill-partijiet

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

**Provi**.

Mill-provi mressqa jirrizulta illi fl-4 ta' Awissu 2011 gie ppubblikat kuntratt min-Nutar Dottsa. Maria Buckle illi permezz tieghu il-konvenut Kenneth Ruggier ittrasferixxa proprjeta' f'Bahar ic-Caghaq lill-bank rikorrent bhala pagament parzjali tad-debiti tas-socjeta' konvenuta versu l-bank rikorrent filwaqt li fuq l-istess kuntratt il-konvenuti iddikjaraw u accettaw li huma debituri tal-bank rikorrent fis-somma ta' €177, 874.57:

> "The parties namely Ruggier Company Limited as principal debtor and Kenneth Ruggier and Spouses Ruggier as sureties jointly and in solidum between themselves and with the principal debtor do hereby acknowledge that they are debtors in favour of the bank, which accepts, for the said sum of €177, 874.57, which sum is certain, liquid and due and represents the debit balance to date, including any interests and charges thereon, of the abovementioned liabilities."

**Eccezzjonijiet tal-Konvenuti.**

Fl-ewwel eccezzjoni minnhom imressqa l-konvenuti jeccepixxu illi l-kuntratt mertu tal-kawza ma hux wiehed ta' kostituzzjoni ta' debitu izda wiehed ta' *datio in solutum*. Gie ritenut illi l-fatt li saru xi pagamenti akkont fuq kuntratt fejn il-bilanc dovut gie deskritt bhala ammont cert, likwidu u dovut ma jtellfux min-natura ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu [Digriet moghti fl-1 ta' Settembru 2005 f'rikors nru 901/05 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv 1355/05 fl-ismijiet **Raymond Zammit et vs Carmelo Bonello et**]. Huwa evidenti illi din l-eccezzjoni tal-konvenuti hija kompletament infondata in kwantu il-paragrafu fuq citat ma jehtieg l-ebda sforz sabiex jitqies bhala kontrattazzjoni dwar kostituzzjoni ta' debitu. Din l-eccezzjoni qed tigi ghalhekk respinta bhala infondata.

Il-konvenuti jeccepixxu ukoll illi l-bank rikorrent ikkalkula imghax eccessiv meta jsemmi li s-somma dovuta fiz-zmien tal-intavolar tal-kawza rapprezentanti bilanc tal-kapital u imghax kienet ta' €234,892.26. Il-konvenuti jsostnu illi stante li l-kuntratt de quo ma jsemmiex rata ta' imghax allura l-imghax dovut ma kienx bir-rata ta' 8% pa izda ta' 5% pa. Jeccepixxu illi fir-rikors promotur il-bank rikorrent ma kkunsidrax il-pagamenti akkont kollha li saru u li l-ammont dikjarat mill-bank bhala attwalment dovut jinkludi diversi ammonti bhal fees u charges li ma hemmx ftehim dwarhom. Eccezzjoni ohra hi illi l-bank ghandu jgib prova li s-somma ta' €177,874.57 indikata fil-kuntratt de quo tirreferi biss ghall-kapital u mhux ukoll ghal imghax. Il-konvenuti eccepew ukoll illi l-bank ghandu jaghti spjegazzjoni ghaliex halla zewg kontijiet bankarji u jispjega fejn alloka l-pagamenti akkont maghmula.

Ikkunsdirat;

Fir-rigward ta' l-ammont ta' €234,892.26, il-bank rikorrent ezebixxi tlett prospetti mal-att promotur li jinsabu ezebiti a fol 33 sa fol 35 u markati Dok B1, B2 u B3 rispettivament kif ukoll zewg prospetti li jinsabu a fol. 134 sa fol 143. Pero', kuntrarjament ghal dak pretiz mill-konvenuti, ghall-finijiet tal-proceduri odjerni ma hux mehtieg li l-Qorti tevalwa jekk il-bank rikorrent ghamilx kalkoli tajbin fil-prospetti minnu prezentati.

Gie diversi drabi ritenut illi ma hux l-iskop ta' proceduri bhal dawk odjerni illi jigi stabbilit l-ammont attwalment dovut mid-debituri izda l-Qorti ghandha tillimita ruhha sabiex tiddeciedi jekk ghadx hemm ammont dovut minn dak originarjament pattwit u dan sabiex tiddeciedi jekk taghtix mill-gdid sahha ezekutiva lill-kuntratt. L-ammont eventwalment dovut ghandu jigi dibattut jekk u meta jsiru l-atti ezekutivi disponibbli. Issir referenza għall-kawża **HSBC Bank Malta p.l.c. vs. John Dalli et** deċiża mill-Prim' Awla fit-18 ta' April 2002 fejn ingħad: "lIIi minn dan jidher li l-uniku ezami li ghandha taghmel l-istess Qorti ghall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taccerta ruhhu dwar l-esistenza tal-istess titolu ezekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u

dan tramite l-konferma bil-gurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt xejn izjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jigi appuntat ghas-smiegh." Din il-qorti tqis pero` illi s-smigħ ta’ rikors simili, għalkemm mhux obbligatorju, jagħti lill-partijiet kollha d-dritt għal smigħ xieraq u biex il-qorti jkollha quddiemha kull fatt li jista’ jgħinha tasal għad-deċiżjoni tagħha.

Kif ingħad ukoll fid-deċiżjoni li tat il-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 1988 fil-kawża **Emmanuele Falzon pro et noe vs. Joseph Vella** "li kieku l-Qorti kellha taċċetta li l-konvenut jitħalla jqajjem eċċezzjonijiet fil-mertu, tkun qiegħda tiftaħ il-bieb għall-abbuż tas-sistema ġudizzjarja fis-sens li l-konvenut jkun qiegħed jingħata l-opportunità li jtawwal proċedimenti li ma kienx intiż mil-leġislatur biex ikun ikkontestat b`eċċezzjonijiet dwar mertu. Għaldaqstant konsiderazzjonijiet dwar l-ammont effetivament dovut mhux kompitu ta’ din il-Qorti iżda semmai jidħlu in vigore jekk it-titolu jingħata eżekuzzjoni fejn allura l-partijiet ikollhom ir-rimedji li tagħti l-liġi fl-eżekuzzjoni ta’ titoli eżekuttivi. Dak li jrid jiġi mistħarreġ u deċiż hu biss jekk jeżistix titolu eżekuttiv a bażi tal-Artikolu 253(b) tal-Kapitolu 12 u jekk in-natura ta’ dan it-titolu għadux viġenti u li d-debitu jew parti minnu għadu dovut. Jekk ir-risposta għal dawn il-kweżiti hu fl-affirmattiv, jiskatta d-dritt tar-rikorrenti li dan it-titolu jerġa’ jiġi reż eżekuttiv. Billi jkun skada t-terminu, l-liġi terġa ġġedded a bażi tal-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 l-eżegwibilità tat-titolu eżekuttiv". Intqal ukoll illi "l-ezercizzju li jrid isir mill-Qorti huwa biss wiehed ta' verifika u certament mhux li ssir il-kanonizzazzjoni u l-komputazzjoni mill-gdid tal-bilanc dovut." [**Malta Industrial Parks Ltd vs Mark Debono** - PA - 985/15 deciza fil-25 ta' Frar 2016.]

Jekk il-konvenuti ghandhom pretensjonijiet dwar il-korrettezza tal-ammonti indikati fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu certament li dawn odjerni ma humiex il-proceduri idonei li fihom iresqu tali lanjanzi. Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenuti qatt intavolaw xi proceduri gudizzjarji sabiex jattakkaw il-kuntratt de quo.

In konkluzzjoni il-procedura ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 hija intiza sabiex il-Qorti tindaga jekk l-ammont dovut skond il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu hux saldat jew le. Jekk jirrizulta minghajr ombra ta' dubju li l-ammont naxxenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu huwa saldat allura l-Qorti ghandha tichad it-talba. Jekk le allura tawtorizza lill-attur jipprocedi bl-azzjoni ezekutiva. Huwa f'dak l-istadju fejn id-debitur huwa moghti l-ghodda legali sabiex jikkontesta l-quantum tal-bilanc pretiz mill-kreditur.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-bank rikorrent għamel il-prova li trid il-liġi għal fini tal-procedura fit-termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-bank rikorrent tat-28 ta' April 2017 billi tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimati u tilqa' t-talba tal-bank rikorrent u tawtorizzah jezegwixxi l-kuntratt fuq imsemmi ppubblikat min-Nutar Dottor Maria Buckle fl-4 ta' Awissu 2011.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**